MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 612/2002/1

**Mario Gauci**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Mejju 2002 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta illi huwa proprjetarju tal-ghalqa li hija maghrufa bhala porzjoni numru tlettax (13) f'saqwi, Burmarrad illi biex jaccedi

ghall-istess ghalqa tieghu, irid bilfors jghaddi minn fuq proprjeta` ossija ghelieqi u cioe` dawk appartenenti jew imqabbla lill-konvenut; illi l-konvenut abbuzivament, illegalment u klandestinament impedixxa lill-attur l-access ghal go l-ghalqa tieghu fuq imsemmija; b'rizultat illi l-attur gie mcahhad li jgawdi u juza l-proprjeta` tieghu, specjalment fi zmien tant importanti bhalma hu zmien il-hsad tal-qamh; illi dan l-agir da parti tal-konvenut jikkonsisti fi spoll ricenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-konvenut kif fuq spjegat jikkostitwixxi spoll ricenti;

"2. Tikkundannah sabiex jerga' jqieghed kollox fl-istat pristinu tieghu, u cioe` b'mod li l-attur jkun jista' jaccedi liberalment ghall-ghalqa tieghu li tigi l-gewwa mill-ghelieqi tal-konvenut, u dana fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas l-attur jkun awtorizzat jaghmel ix-xoghlijiet necessarji huwa stess u dan a spejjez tal-istess konvenut."

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghall-azzjoni ulterjuri kontra l-istess konvenut ghall-kundanna u hlas ta' danni li l-attur sofra minhabba l-agir tal-konvenut.

B'nota pprezentata fis-7 ta' Novembru 2003 (fol. 14), il-konvenut eccepixxa:

"1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru peress li l-kawza ma gietx diretta wkoll kontra mart il-konvenut u kwindi l-istess konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija ghal kollox perenta stante li ghadda t-terminu preskritt mil-Ligi entro liema ghandha tigi ezercitata tali azzjoni.

"3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ic-citazzjoni attrici ma tista' qatt tirnexxi stante illi hija bbazata fuq premessi hziena peress li mhux minnu

li l-attur huwa proprjetarju tal-ghalqa porzjon 13 f’saqwi, Burmarrad.
“4. Illi fir-raba’ lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ma jissussistux l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi u mill-gurisprudenza sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi, u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi (a) m’hemm ebda passagg li jaghti mill-ghelieqi tal-konvenut ghall-porzjon 13, (b) l-attur ma jgawdi ebda dritt ta’ passagg mill-ghelieqi tal-konvenut, (c) jezisti passagg ben definit li jaghti ghall-porzjon 13 li m’ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-ghelieqi tal-konvenut.

“6. Illi fis-sitt lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut ma kkommetta ebda spoll, izda kien proprju l-attur innifsu li bi vjolenza, abbuzivament u minghajr ebda kunsens jew permess tal-konvenut ghadda minn fuq l-ghelieqi tal-konvenut b’ingenji li kkawzaw lill-konvenut ammont konsiderevoli ta’ danni dwar liema incident il-konvenut istitwixxa diga` l-proceduri opportuni, b’mod illi kien l-istess attur li kkawza danni u pprova jiddenuda lill-konvenut mill-pussess u tgawdija ta’ hwejgu u ghalhekk fuq skorta ta’ sentenzi, l-attur li ghogbu jiehu l-Ligi b’idejh, m’huwiex intitolat jinizja l-procedura odjerna in linea mal-principju li min jiehu l-Ligi b’idejh ma jistax sussegwentement jitlob l-intervent tal-Qorti, u kwindi l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“7. Illi fis-seba’ lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kwalsiasi azzjoni rimedjali li seta’ ha l-konvenut fi hwejgu, kienet biss spinta minn bzonn attwali u immedjat li jiddefendi l-patrimonju tieghu mill-attakk vjolenti, abbuziv u klandestin pratikat mill-attur fuq hwejjeg il-konvenut u ghalhekk m’hemmx l-estremi ta’ spoll.”

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju, 2009 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:

**"Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur u tordna lill-konvenut biex fi zmien xahar inehhi l-katnazz in kwistjoni u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel dan a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-A.I.C. Godwin Abela jekk ikun hemm bzonn.**

**L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet."**

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta' spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenut ostakola u allura ghalaq l-access li qed jallegaw li kellhom ghall-ghalqa tieghu. Kif huwa maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

"1. il-pussess;

"2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta` tal-attur; u

"3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

"Il-konvenut f'din il-kawza intavola diversi eccezzjonijiet kif jidher minn dak premess aktar qabel.

"L-attur ipprezenta affidavit a fol. 33 fejn qal li huwa l-propjetarju tal-ghalqa mmarkata bhala porzjoni 13 fil-post imsemmi fic-citazzjoni u li regolarment huwa u l-familja tieghu kienu jghaddu minn go moghdija fl-ghalqa tal-konvenut izda f'April 2002 kien inkariga lil certu Bertu Gauci biex jahsadlu l-qamh, izda malli dan mar bit-*tractor* sab li gie nstallat kancell imsakkar bil-katnazz bir-rizultat li

ma setax jghaddi. Mar fuq il-post flimkien ma' martu u bintu u neputi u sabu li l-konvenut imblokka l-passagg bil-vetturi u li l-kancell kien imsakkar bil-katnazz. Huwa qal li dan gara ftit wara li l-konvenut kellu kwistjoni man-neputi tieghu. Qabel dakinhar qatt ma kellu problemi biex jghaddi minn hemm. Il-persuni li semma kkonfermaw dan b'affidavit separat.

"Il-konvenut xehed fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2007 u fost affarijiet ohra esebixxa kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-16 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha gie liberat mill-akkuza li ezercita dritt li ppretenda li ghandu. Huwa qal li l-attur ghandu minn fejn jghaddi ghal fuq ir-raba' tieghu u ma kellux ghalfejn jghaddi minn go hwejjgu u li x-xatba kienet ilha hemm; huwa qatt ma laqa' lill-attur milli jghaddi bir-rigel izda kien jopponi li jghaddi bl-ingenji ghax kien qed jaghmillu l-hsara. Qal ukoll illi l-passagg ghandu xatba tal-hadid u hemm bizzejjed biex jghaddi bniedem izda x-xatba hija maghluqa bil-katnazz. Qal li kien wissa hafna drabi lill-attur biex ma jibqax jghaddi bl-ingenji minhabba f'hekk u dan mis-sena 2001. Il-grada kien kissirha l-attur biex jibqa' jghaddi u hu (l-konvenut) iddrittaha. Kontro-ezaminat ghall-ewwel qal li l-kancell issa ma kienx imsakkar izda ammetta wara li kien ghamel il-katnazz biex ma jidhlulux u jisirquh. Qal ukoll li kien ghamel il-katnazz biex l-attur ma jibqax jaghmillu hsara.

"Din hija kawza bhal diversi li jsiru dwar dritt ta' passagg fejn jigri li minhabba l-kontestazzjoni li jkun hemm isir att spoljattiv u ghalxejn wiehed jippriedka lill-partijiet li l-ewwelnett hadd ma jista jiehu l-ligi b'idejh u t-tieni li l-*actio spolii* hija kawza li ma ssolvix b'mod definittiv il-pendenza reali li tkun wahda petitorja. Sfortunatament minhabba li l-partijiet iressqu provi anke fir-rigward il-kawza titwal inutilment.

"Ezami tal-akkuza li saru fil-konfront tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati jaghtu ndikazzjoni ta' x'gara. Hemmhekk huwa gie akkuzat (fol. 49 – rapport tal-A.I.C. Saliba li kien gie nominat minn dik il-Qorti) li fis-6 jew is-7 ta' Settembru 2001 impedixxa lil Mario Gauci milli jghaddi

ghal gor-raba' tieghu '<u>il gewwa mill-imsemmija xatba</u>. (*sottolinear tal-Qorti*). Oltre dan gie akkuzat illi fil-15 ta' Mejju 2002 ghamel kancell imsakkar b'katnazz b'mod li jostakola u jimpedixxi lil Mario Gauci milli jghaddi ghal gor-raba tieghu mill-imsemmi kancell. Jidher allura illi l-attur ghamel zewg rapporti separati u huwa evidenti anke minn dak illi rrizulta mill-provi illi kien hemm zewg incidenti.

"F'Settembru 2001 il-kancell kien gia` qieghed hemm; jista' jkun illi tpogga dakinhar jew qabel u ghalhekk f'din il-kawza, minhabba t-terminu ta' xahrejn impost mil-ligi ma tistax tikkoncerna l-imsemmi kancell. Jidher pero` anke mix-xhieda tal-istess konvenut illi huwa sakkar il-kancell bil-katnazz f'Mejju 2002 u allura l-kawza fir-rigward saret *entro* t-terminu impost.

"Fis-sentenza "**Delia v. Schembri**" (Prim Awla - 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi il-pussess, ikun x'ikun … li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata … jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistghax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti."*

"Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta` dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).
"Kif gie ritenut fil-kawza "**Margherita Fenech v. Pawla Zammit**" deciza fit-12 ta' April 1958:

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat."*

"Kif ukoll gie ritenut:

"*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna* – Appell Civili – "**Cardona v. Tabone**" – deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

"Fil-kaz in kwistjoni pero` tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Il-konvenut infatti jghid li huwa ghamel il-katnazz biex ma tibqax issir hsara fl-ghalqa tieghu. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Camilleri v. Bonello**" (5 ta' Ottubru 1998):

"*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva tal-azzjoni jibda jiddekorri imma wkoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar- reintegrazzoni tal-attur…"*

"Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi irriteniet:

*"Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati nel passaggio alle proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli."*

"Il-Qorti mbaghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso*. Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata (ara wkoll is-sentenzi "**Pellegrini Petit v. Sammut**" – Appell 16 ta' Jannar 1920, u "**Sammut v. Sammut**" – Prim Awla 31 ta' Jannar 2003).

"Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-attur kellux pussess; jekk kienx l-istess attur li ha l-ligi b'idejh, u kwindi kkometta l-ispoll hu, u allura l-konvenut kellux dritt jirrespingi l-ispoll permezz ta' spoll iehor – haga li hija permessa mill-gurisprudenza *purche*` l-azzjoni tieghu tkun proporzjonata (fis-sens li jerga' jpoggi l-affarijiet ghall-istat li kienu qabel l-ispoll) u mmedjata.

"Il-Qorti thoss li dawn il-principji ma jistghux jigu applikati fil-kaz in ezami ghaliex l-istess konvenut jghid li huwa ma riedx lill-atturi jkomplu jghaddu bl-ingenji biex ma ssirlux il-hsara.  Il-mezzi li kellu jadopera allura ma kienux li jiehu huwa stess il-ligi b'idejh izda li juza l-mezzi legali biex iwaqqaf lill-attur milli jghaddi; bl-agir tieghu huwa mhux rega' pogga l-affarijiet kif kienu qabel izda qabad u zamm l-access lill-attur; il-Qorti terga' ttenni li jekk dan ghandux dan id-dritt illi jghaddi bl-ingenji hija kwistjoni ohra li trid tigi deciza fis-sede opportuna a bazi ta' talba petitorja.

"Jirrizulta wkoll mill-provi illi dan il-katnazz mhux dejjem ikun f'postu ghaliex gieli bdiewa ohra jaqalghuh – ara d-depozizzjoni ta' Charles Camilleri, kugin tal-konvenut. Jidher ghalhekk li l-prezenza ta' dan il-katnazz m'hijiex kostanti izda l-attur ghandu dritt ta' rimedju f'din il-kawza biex dan ma jibqax ifixklu milli jghaddi.

"Il-konvenut eccepixxa wkoll li kellha titharrek martu, eccezzjoni ghal kollox infondata ghaliex l-ispoll ikkomettih hu."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fil-15 ta' Gunju, 2009 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmja u dan billi tichad it-talbiet attrici u takkolji l-eccezzjonijiet kollha tal-istess konvenut appellant. Bl-ispejjes kollha kontra l-attur appellat.

Il-kontro-parti ma pprezentat ebda risposta biss jirrizulta li fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru, 2009 id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom qabel ma l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta li l-kontendenti ghandhom ghelieqi adjacenti ghal xulxin fl-inhawi ta’ Burmarrad. L-attur qed isostni li huwa ghandu dritt ta’ passagg minn fuq l-ghalqa tal-konvenut biex jasal ghall-ghalqa tieghu. L-ewwel Qorti sabet favur it-tezi tal-attur billi kkonkludiet li l-konvenut kien ikkommetta spoll meta pogga katnazz f’kancell li jinsab fil-bidu tal-ghalqa tieghu b’mod li l-attur ma kellux possibbilita` li jghaddi bl-ingenji minn fuq ir-raba tal-konvenut biex jasal sar-raba tieghu.

Minn qari tar-rikors tal-appell tal-konvenut jidher li, ghalkemm jissemmew diversi aggravji, fir-realta` dawn jistghu jigu raggruppati taht l-aspett ta’ apprezzament hazin tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti, billi qed isostni li l-provi juru li dan il-kancell kien hemm minn zmien twil u li l-attur qatt ma kien juza’ dan il-passagg billi ghandu passagg iehor minn fejn jghaddi biex jasal ghall-ghalqa tieghu. Izda minn qari akkurat tal-provi prodotti, inkluz ix-xhieda tal-istess konvenut, jidher li effettivament, qabel ma l-konvenut pogga l-katnazz biex ghalaq l-access tal-attur, l-istess attur kien ighaddi diversi drabi minn fuq l-ghalqa tal-konvenut, b’mod li dan kellu il-pussess mehtieg biex jaghti lok ghall-azzjoni odjerna. Tant hu hekk li meta l-ewwel Qorti ghamlet din il-mistoqsija lill-konvenut: “Jigifieri jekk nghidlek ghadda ghaxar darbiet?” L-istess konvenut irrisponda “Jien nahseb mhux ghaxar darbiet ghadda, Sur Imhallef!” u kompla aktar l-isfel “ghadda kemm-il darba.”

Issa f’azzjoni possessorja migjuba l-quddiem a tenur tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ghanda biss l-obbligu li tezamina l-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll u kull eccezzjoni ohra li tista` tinghata fil-petitorju ma ghandhiex tigi kunsidrata qabel ma l-ispoll jigi spurgat billi

l-parti spoljata terga' titqieghed fil-pussess tal-haga suggett tal-ispoll (Art. 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fil-verita` minn ezami tax-xhieda jidher li l-attur kien ghal xi zmien ighaddi minn fuq ir-raba tal-konvenut biex jasal ghall-ghalqa tieghu li tinsab aktar fil-boghod, biss fi zmien meta tpogga l-katnazz dan sar billi l-konvenut hass li ma ghandux ihalli lill-attur jibqa' jghaddi minn hemm ghax, skond hu, kienet qed issir hafna hsara fl-ucuh tar-raba tieghu meta l-attur jghaddi bl-ingenji. Dan pero` ma jintitolax lill-konvenut li jwaqqaf lill-attur bil-mod kif ghamel u *se mai* jista' jkollu xi tip ta' azzjoni ohra kontra l-istess attur, kif effettivament jidher li istitwixxa.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-konvenut appellant. It-terminu ta' xahar imsemmi fid-dispozittiv tas-sentenza jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------